MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 326/2004/1

**Margaret Cachia**

**v.**

**Mario Cachia**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat l-attrici fit-23 ta' Settembru 2004, li taqra hekk:
"Billi l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Frar 1981 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal: Miguel li ghandu 21 sena u Andrew li ghandu 16-il sena.

“Billi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba adulterju, servizzi, ingurji gravi u inkompattibilita ta’ karattru.

“Billi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-Ghajnuna Legali.

“Billi b’digriet tad-29 ta’ Lulju 2004 (Digriet Numru 526/04), l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b’kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet minnha indikati.

“Jghid il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut, u cioe` minhabba adulterju, sevizzji u ingurji gravi.

“2. Tordna li, fl-ahjar interess tal-minuri Andrew, il-kura u kustodja tieghu tigi fdata lilha biss, u mhux lill-konvenut.

“3. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha u ghal binha minuri Andrew.

“4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-arretrati ta’ manteniment ta’ tliet mitt lira (Lm300) fix-xahar, b’effett mill-1 ta’ Lulju 2004, peress li daqshekk ilu ma jtiha manteniment ghaliha u ghal Andrew.

“5. Tordna c-cessazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti billi din tigi diviza bejniethom f’zewg prozjonijiet u kull parti tigi assenjata porzjon.

“6. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-beni parafernali u personali taghha, inkluza s-somma ta’ tlett elef lira Maltin (Lm3,000) bhala dota.

“7. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet tal-Kodici Civili applikabbli ghall-kaz minhabba l-adulterju u t-tortijiet l-ohra minnu kommessi fil-konfront tal-attrici.

“8. Tawtorizza lill-attrici tkompli tabita, flimkien mal-minuri Andrew u ad eskluzjoni tal-konvenut, fil-fond numru 67, Triq Ninu Cremona, Rahal il-Gdid, li jinsab okkupat b’titolu ta’ kera minn omm l-attrici, Carmelina Farrugia, li wkoll tabita fih.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri fl-atti tal-Ittra Numru 293/04, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghhom eccepixxa illi:
“1. Illi l-ewwel talba attrici ghandhom jigu michuda in kwantu illi tippronunzja s-separazzjoni personali imputabbli unikament ghall-konvenut stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi r-ragunijiet li wasslu ghal separazzjoni personali huma imputabbli unikament lill-attrici u mhux lill-konvenut.

“2. Illi minghajr pregudizju ghall-premess u in linja sussidjarja, it-tieni talba tal-attrici ghandha tigi michuda wkoll stante illi, kif iddikjarat l-Avukata tal-minuri Dr Tatianne Cassar waqt il-medjazzjoni, huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tibqa’ kongunta, anke tenut kont tal-fatt illi l-minuri llum il-gurnata ghandu sbatax-il sena.

“3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linja sussidjarja, it-tielet talba attrici in kwantu tirrigwarda manteniment ghaliha ghandha tigi michuda stante illi l-attrici tahdem u taqla’ paga sostanzjali li hi bizzejjed ghall-ghejxien taghha u ta’ binha minuri. Illi ghal dak li jirrigwarda manteniment ghall-minuri, din ghandha tigi stabbilita mill-Qorti wara li jigu kkunsidrati x’inhuma l-bzonnijiet tal-minuri u l-mezzi tal-kontendenti.

“4. Illi r-raba’ talba tal-attrici wkoll ghandha tigi michuda stante illi huwa qatt ma kien gie ordnat ihallas manteniment qabel id-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti moghti fl-10 ta’ Dicembru 2004 u minn dak iz-zmien huwa hallas il-manteniment lill-attrici hlief f’xi episodji meta l-

attrici rrifjutat il-manteniment u ghalhekk huwa ddepozita dan l-ammont taht l-Awtorita` tal-Qorti.

“5. Illi ghal dak li jirrigwarda s-sitt talba tal-attrici, il-konvenut m’ghandu l-ebda beni u/jew dotali tal-attrici u ghalhekk din it-talba ghandha tigi michuda.

“6. Illi in vista tal-premess is-seba’ talba ghandha tigi michuda.

“7. Illi in vista tas-suespost u tal-eccezzjonijiet precedenti, it-tmien talba tal-attrici ghandha tigi michuda tenut kont tal-fatt ukoll illi hemm proceduri ta’ zgumbrament pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Carmelina Farrugia v. Margaret Cachia et fejn l-attrici, u cioe` Margaret Cachia stess ammettiet illi hija ghandha tigi zgumbrata minn dan il-fond.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta’ Jannar, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, htija tal-konvenut;

“[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal huma maggjorenni;
“[3] tilqa’ t-talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’; filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tat-talba stante li t-tfal illum huma maggjorenni;

“[4] tichad ir-raba’ talba, stante li ma jirrizultax li ghad hemm manteniment arretrat dovut;

“[5] tilqa’ il-hames talba, u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ndikata ‘Komunjoni ta’ l-

“Akkwisti’;

“[6] tilqa’ is-sitt talba limitatament ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin [LM1,500][illum €3,494] kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ndikata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“[7] tilqa’ is-seba’ talba u tapplika fil-konfront tal-konvenut id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 Kap.16;

“[8] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterju tat-tmien talba, stante li l-fond jappartjeni lil terzi, u wkoll tenut kont li l-partijiet kienu gew zgumbrati b’ sentenza tal-Qorti minn dan il-fond;

“L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-sewgenti konsiderazzjonijiet:
“**L-Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, imputabbli unikament lill-konvenut li, minn naha tieghu, qed jichad dak imputat lilu, filwaqt li jattribwixxi l-htija lill-attrici.

“**Il-Fatti**

“Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-1 ta’ Frar 1981 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, D u E, ahwa B, li llum huma maggjorenni. Il-partijiet bdew jirriskontraw problemi matrimonjali fiz-zmien bikri taz-zwieg, tant, li meta l-ewwel wild kellu circa tlett snin, diga’ bdiet tissemma’ s-separazzjoni personali, izda jdher li l-partijiet baqghu fiz-zwieg minhabba li t-tifel kien ghadu zghir; izda l-problemi komplew, u eventwalment l-attrici stitwiet il-kawza odjerna.

“*Verzjoni Attrici*

"Illi l-attrici tghid li, mill-bidu tal-konvivenza, hija nnotat li l-konvenut, allura zewgha, kien xhih maghha, u noltre ma kienx jaghtiha sodisfazzjoni tal-introjtu tieghu u tal-infiq tal-flus. Ghalhekk, peress li hi ma kinitx tahdem barra mid-dar, kienet tiddependi unikament mill-konvenut ghall-ispejjez tal-hajja.

"Tghid li l-inkwiet matrimonjali "li wassalna biex ahna nisseparaw, kien dejjem fuq il-flus, u anke ghax kien jigdeb, u wkoll peress li dahluli suspetti ta' infedelta' minn naha tieghu."[1]

"Il-konvenut ma kienx jaghtiha bizzejjed flus sabiex tixtri l-bzonnijiet, tant li kien ikollha taqa' fuq il-genituri taghha sabiex tlahhaq ma' l-ispejjez, filwaqt li l-konvenut kien jghaddi minn impieg ghall-iehor, anke ma' hutu, u kien jghidilha li ma kienux ihallsuh. Issemmi okkazzjoni meta kien gideb maghha li hu kien impjegat ma' kumpanija rinomata ta' awdituri, izda mill-verifiki li ghamlet irrizulta li dan ma kienx minnu. Tghid li mhux talli kien ihalliha fl-ghama dwar il-finanzi, izda kien jigdeb maghha; u ssemmi l-kaz ta' meta huwa kien xtara l-kumpanija Plumelec Ltd. filwaqt li lill-attrici, allura martu, kien jghidilha li hu kien biss impjegat ma' din il-kumpanija.

"L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma kellux sens ta' responsabbilita' la fil-konfront taghha u lanqas fil-konfront ta' uliedhom, u ssemmi l-kaz fejn, nonostante l-pozizzjoni finanzjarja mhux felici taghhom, fis-sena 1999 huwa kien ipperswadiha sabiex tippleggja shares taghhom fl-HSBC fil-valur ta' LM8,000 [illum €18,635] sabiex jiggarnatixxu dejn tal-kumpanija ta' huh Frank B; u li ghalkemm, huma tilfu dawn l-ishma, huwa naqas li jipprocedi kontra huh sabiex jirkupra l-valur tal-ishma mitlufin.

"Tghid li l-konvenut kien ihalli r-responsabbilita' tal-familja f' idejha, ghax kien jaf li l-attrici kellha l-ghajnuna, anke finanzjarja, tal-genituri taghha; anzi kien jippretendi din l-ghajnuna bid-dritt. Tispjega li fis-sena 1984, tlett snin mid-data taz-zwieg, hija kienet qabdet avukat sabiex tibda

[1] Vol.3 – fol.645

l-proceduri ghas-separazzjoni ghaliex *“hassejt li kont qeda nghix ma’ bniedem li qatt ma ried jerfa’ r-responsabbilita’ tal-hajja mizzewga u ried jghix minn fuq dahar haddiehor.”*[2] Izda l-Avukat kien tahom parir sabiex jrrangaw sabiex it-tifel, li f’ dak iz-zmien kellu sentejn, ma jitlax bla missier.

“Fil-perijodu ta’ bejn 1984 u 1985, minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja hazina taghhom, huma ma felhux ikomplu jhallsu l-kera tal-appartament fejn kienu joqghodu, u ghalhekk iddecidew li jmorru jabitaw fid-dar mikrija lill-omm l-attrici li ta’ sikwit kienet tmantnihom u thallas il-kontijiet kollha hi.

“Tghid, li peress li kienu ntlew bid-djun, fis-sena 1998 hija kellha tohrog tahdem fuq bazi part-time sabiex tkun tista’ thallas il-kontijiet, minkejja li l-konvenut kien kontra. Izda, ghalkemm il-konvenut ma kellux flus bizzejjed, ghall-bzonnijiet tal-familja tieghu, huwa kellu flus sabiex jonfoq fil-kapricci tieghu.

“L-attrici takkuza lill-konvenut li fiz-zwieg huwa kien imur ma’ nisa ohra, u tressaq bhala prova lit-tabib tal-familja li ccertifika nfezzjoni fuq il-persuna tal-konvenut possibbilment konnessa ma’ attivita’ sesswali ma’ persuni ohra.

“L-attrici tghid li dan il-komportament tal-konvenut, kif ukoll l-inkwiet kif ser tlahhaq mal-htigijiet tal-hajja, kien fonti ta’ tensjoni qawwija ghaliha, tant li bejn is-snin 1988 u 1999 hija kellha tidhol l-isptar fejn sabu li kellha Atopic heart beats, b’ riskju ta’ attakk fil-qalb.

“*Verzjoni Konvenut*

“Illi minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi l-inkwiet matrimonjali ghall-komportament ta’ l-attrici li skond hu kienet egoista, ghax *“dejjem rat li tkun kuntenta hi u qatt ma ppruvat tara lili kuntent …… anke fejn jidhlu t-tfal,*

---

[2] Vol.1 – fol.309

*dejjem rat l-interessi taghha, anzi tal-familja taghha."*[3]; filwaqt li hu kien dejjem jaghmel li kienet tghid hi, kemm ghaliex kien jafdaha, kif ukoll ghax xtaq li jzomm il-paci fil-familja.

"Jispjega li huma kienu marru jghixu fid-dar ta' omm l-attrici fuq rikjesta taghha peress li d-dar kienet kbira u ommha kienet ser tispicca waheda. Jghid li f' dan il-mument l-attrici kienet tintela b' hafna tensjoni peress li ommha hija dominanti, u kellha hafna kontroll fuqha.

"Jghid li *"wahda mill-ikbar problemi"* ta' bejniethom kien in-nuqqas da parti ta' l-attrici li tiddjaloga mal-konvenut, u minflok li jiddiskutu l-problemi, hi kienet taqa' fil-muta. Jghid ukoll li l-attrici ma kinitx tafdah, u kienet taghmillu hafna pressjoni fuqu, sa kienet ticcekkja kull post fejn kien jahdem.

"Wara t-twelid tat-tieni wild, l-attrici kienet waqghet f'dipressjoni; u minn hemm bdiet tirrifjuta r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, daqqa b'skuza u daqqa b'ohra. Eventwalment qatghet ukoll l-affarijiet li fihom hi kienet tghinu, u kienet dahlet il-bruda minn naha taghha; u meta bdiet tahdem biex tghin lill-familja, l-affarijiet marru ghall-aghar, billi kienet teskludih ghall-kollox minn hajjitha b' mod li hu kien qisu ma jezistix fil-familja.

"Il-konvenut jichad li hu kien ihalli lill-attrici nieqsa mill-flus biex tixtri l-bzonnijiet. Jghid li kien jaghtiha LM320 fix-xahar biex tixtri; inoltre, hija kienet iddahhal LM150 fix-xahar mix-xoghol part-time taghha, u ommha kienet tatiha LM50 fix-xahar. Eventwalment, meta l-attrici ma kinitx baqghet issajjar ghalih ukoll u lanqas tahsillu l-hwejjeg u taghmel mod li hu ma jkunx jista' juza l-washing machine biex jahsel hwejgu, il-konvenut beda jinkorri fi spejjez zejda biex jaqdi dawn il-bzonnijiet tieghu, u ghalhekk kien irriduca l-flus li kien jaghtiha ghal LM200 fix-xahar.

"Rigward l-alterazzjonijiet li kienu saru fid-dar ta' omm l-attrici, il-konvenut, filwaqt li jichad li dawn kienu saru meta

[3] Vol.3 – fol.630

din kienet imsiefra u ad insaputa taghha, jghid li l-ispejjez ta' dawn l-alterazzjonijiet ammontanti ghal circa LM12,000 [illum €27,952], thallsu kollha minnu mill-flus tal-komunjoni.[4]

"Jghid li sad-data li fiha gie prezentat l-affidavit tieghu, huwa kien ghadu jirrisjedi fid-dar konjugali, u *"sahansitra norqod fl-istess sodda maghha."*[5] Izda eventwalment hu gie zgumbrat mid-dar ta' ommha, filwaqt li l-attrici kienet baqghet toqghod hemm.

"Il-konvenut jichad li hu qatt refa' idejh fuq l-attrici, jew li kellu relazzjonijet ma' nisa ohra; jichad l-allegazzjoni ta' serq meta kien jahdem mal-Media Centre; jichad ukoll li kienu saru xi alterazzjonijiet fid-dar ta' ommha meta din kienet imsiefra u ad insaputa taghha. Jghid li huwa kien qal lill-attrici li kien lest li jipprocedi maghha kontra huh Frank B sabiex jiehdu lura l-flus li tilfu.

"Rigward l-introjtu mis-socjeta' Plumelec, ghalkemm il-konvenut jghid li din ilha dormant minn Ottubru 2006, huwa jammetti li fil-fatt ghadu jaghmel ix-xoghol ta' plumbing u elettriku flimkien mat-tifel D, u jammetti wkoll li l-pagamenti bic-cheques kien jircevihom hu, jigu depozitati fil-kont tat-tifel, u mbaghad jigu ritrati minnu mmedjatament. Huwa jghid li dan kien jaghmlu peress li kellu problemi mal-banek.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, sostanzjata minn ohtha Carmen Chetcuti.

"Mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li fl-ewwel snin taz-zwieg taghhom, meta allura l-attrici ma kinitx ghadha bdiet tahdem, il-partijiet irriskontraw problema ta' nuqqas ta' flus. Jidher li l-konvenut kien jahdem ma' hutu, izda flus ma kienx igib id-dar, u ghalhekk l-attrici kienet

---

[4] Vol.3 – fol.637
[5] Vol.3 – fol.634

iddur fuq l-appogg finanzjarja tal-genituri taghha. Dan kien sors ta' dwejjaq u tensjoni kontinwa da parti ta' l-attrici, multo magis, meta skopriet li l-konvenut kien qed ikun inveritier maghha kemm dwar l-introjtu tieghu, kif ukoll dwar ix-xoghol li kien jaghmel, tant li kien heba wkoll minn martu l-akkwist da parti tieghu tas-socjeta' Plumelec. Meta l-attrici skopriet dawn il-fatti, ir-relazzjoni bejniethom kompliet tihzien, sakemm birdet fil-konfront ta' zewgha, partikolarment meta kienet kostretta li tohrog tahdem part-time sabiex jithallsu l-kontijiet pendenti. Inoltre, l-attrici kienet cediet ghax-xewqa tal-konvenut li jippleggjaw is-shares li kellhom mal-HSBC favur hu l-konvenut, f' ammont sostanzjali ta' flus.

"Il-Qorti tosserva li dan il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu, abitwali u fuq bazi kontinwa, kien wassal ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg, ghax kellu bhala konsegwenza tieghu reazzjoni ta' nuqqas ta' fiducja da parti ta' martu fil-konfront ta' zewgha, u fl-ahhar snin tal-konvivenza, anke bruda, b' mod li allura l-konvivenza matrimonjali kienet saret insapportabbli ghall-attrici. Dan jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16.

"Rigward l-allegazzjoni ta' adulterju, il-Qorti tosserva li l-provi baqghu fuq livell ta' susseptti u possibbilita', izda ma jwasslux ghall-prova, fuq bilanc ta' probabilitajiet, li l-konvenut kellu relazzjonijiet intimi ma' nisa ohra. Din il-konkluzjoni hi bazata fuq: In-nuqqas ta' provi konkreti fir-rigward da parti ta' l-attrici, ic-cahda kategorika tal-konvenut, u d-dghjufijja tal-prova medika.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m' ghadhiex aktar possibbli bi htija unika tal-konvenut.

"**Kura u Kustodja**

"Illum dan l-aspett tal-kawza hu sorvolat peress li z-zewgt itfal tal-partijiet huma maggjorenni.

“**Manteniment**[6]

“Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut u tenut kont ukoll tal-fatt li, nonostante li l-konvenut xorta wahda bhala jiggestixxi n-negozju tieghu u jdahhal introjtu, il-quantum ta’ dan l-introjtu nzamm mistur mill-attrici; tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici hija kapaci tahdem, ghalkemmm fuq bazi part-time, izda tenut kont ukoll ta’ l-eta’ ta’ l-attrici [57], tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta’ mija erba u sittin ewro [€164] [LM70]. Din is-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern.

“Inoltre, l-attrici qed tinghata d-dritt li tezigi manteniment akbar kemm-il darba hi tisfa’ bla mezzi adegwati ghal ghejxien taghha minhabba cirkostanzi mhux fil-kontroll taghha, dejjem skond ic-cirkostnazi ta’ dak iz-zmien.

“**Komunjoni ta’ l-akkwisti**

“Din hi ffurmata mis-segwenti assi:

“[1] Is-socjeta’ Plumelec Ltd.
“[2] ishma mal-HSBC [MSE Acc.No.295370];
“[3] Van Subaru;
“[4] Mobbli fid-dar konjugali;[7]
“[6] Kreditu ta’ LM8,000 [illum €18,635 ] fil-konfront ta’ Frank B, jew tal-kumpanija tieghu.

“**Parafernali attrici**

“*Debiti tal-komunjoni*

“[a] LM3,000 [illum €6,988 ] favur l-attrici, li bihom inxtraw il-van Subaru u shares mal-HSBC;

[6] Vol.2 – fols.378 u 381
[7] Elenkati mill-attrici fin-nota guramentata taghha tal-21 Novembru 2007, Vol.2 – fols.410-411

"[b] LM1,000 [illum €2,329 ] rikavat minn polza ta' assigurazzjoni li hi kienet giet kostretta ssarraf fiz-zwieg minhabba l-problemi finanzjarji;

"Kontijiet Bankarji;

"Mobbli fid-dar konjugali;

"Gojjellerija;

"**Assenjazzjoni**

"[1] Tassenja lill-konvenut is-sehem ta' l-attrici fis-socjeta' Plumelec Ltd, flimkien mad-djun tal-kumpanija, u allura hi qed tigi ezentata minn kull dejn ezistenti fuq din il-kumpanija.

"[2] l-Ishma mal-HSBC ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, u kull parti tigi assenjata sehemha;

"[3] tassenja sehem l-attrici fil-van Subaru lill-konvenut, b' mod li dan allura jigi proprjetarju ta' din il-vettura fl-intier taghha;

"[4] tassenja sehem il-konvenut mill-effetti mobbli kollha ezistenti fid-dar konjugali lill-attrici u li huma fil-pussess taghha, b' mod li dawn jigu jappartjenu lilha fl-intier taghhom;

"[5] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM4,000 [illum €9,317] rapprezentanti sehemha mill-kreditu fil-konfront ta' Frank B jew tal-kumpanija tieghu; filwaqt li l-konvenut jkollu dritt li jircevi s-somma kollha kemm-il darba dana jottjeni l-pagament minghand huh jew il-kumpanija tieghu;

"[6] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM1,500 [illum €3,494] sehemu mid-debitu tal-komunjoni favur l-attrici rigwardanti s-somma parafernali taghha ta' LM3,000;

"[7] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM500 [illum €1,165] rapprezentanti r-rikavat minn polza ta' l-assikurazzjoni parafernali ta' l-attrici u li hi kienet kostretta li ssarraf fiz-zwieg.

"[8] tordna li kull parti tigi assenjata d-depoziti bankarji li jinsabu fuq isimha, u f' kaz ta' kontijiet kongunti, dawn jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet;

"[9] kull dejn maghmul minn parti ad insaputa tal-parti l-ohra jitqies bhala dejn tal-parti li tkun ikkuntrattatu."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Jannar 2012 billi tichad it-talbiet attrici fuq citati u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-aggravji kollha huma infondati, li l-appell tieghu huwa merament frivolu u vessatorju, u ghalhekk ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewwgu fl-1 ta' Frar, 1981, u kellhom zewgt itfal li llum, it-tnejn, huma maggorenni. L-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici u ppronunzjat is-separazzjoni personali b'tort unikament tal-konvenut. Dik il-Qorti pprovdiet ghall-hlas ta' manteniment mir-ragel ghal martu, u tterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti allura pendenti bejn il-konjugi Cachia.

Mis-sentenza appella l-konvenut li kkontesta mhux biss is-sejbien ta’ responsabbilita` fil-konfront tieghu, izda wkoll l-ordni tal-hlas ta’ manteniment u l-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-komunjoni tal-akkwisti u pprovdiet fuq pretensjonijiet tal-attrici ghar-rifuzjoni ta’ hlasijiet li ghamlet mill-assi parafernali taghha.

Trattat l-ewwel aggravju, l-ewwel Qorti sabet li l-problemi fil-familja inqalghu peress li l-konvenut, li jahdem ma’ hutu f’negozju ta’ *plumber* u *electrician*, ftit li xejn kien igib flus id-dar, b’mod li l-attrici kienet tiddependi fuq l-ghajnuna mill-familja taghha, u kellha anke tohrog tahdem part-time biex thallas il-kontijiet. Il-konvenut jichad li zamm lil martu nieqsa mill-flus, u jghid li l-ewwel Qorti bbazat il-konkluzjoni taghha fuq xhieda fuq kliem haddiehor (‘hearsay evidence’), partikolarment ta’ oht l-attrici. Fuq din il-materja, il-Qorti tirrileva li xhieda fuq kliem haddiehor mhix assolutament ipprojbita; l-Artikolu 598 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, jghid li “bhala regola” din it-tip ta’ xhieda ma ghandhiex tigi meqjusa, pero`, thalli diskrezzjoni f’idejn il-Qorti kif u sa fejn tikkonsidra xhieda ta’ din ix-xorta. F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti zgur qieset ix-xhieda fuq kliem haddiehor ta’ li hi, u meta tqis li x-xhieda hija ta’ oht l-attrici, li maghha l-attrici kienet titkellem, ma jidhirx li ghamlet hazin l-ewwel Qorti meta ma skartathiex ghal kollox.

Fuq kollox, hemm provi ohra li jissufragaw il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti, inkluz xhieda diretta tal-istess oht l-attrici li sservi biex tikkorobora dak li xehdet fuq kliem ohtha. Il-familja tal-mara kollha jikkonfermaw l-istat ta’ abbandun li l-konvenut kien ihalli lil martu. Hemm xhieda ohra li jindikaw li l-konvenut mhux ta’ min jorbot fuqu, u din il-Qorti ma tarax li hu ragel affidabbli. Hekk, per ezempju, l-attrici allegat li zewgha kellu numru ta’ karozzi fuq ismu, izda, skont il-konvenut, rapprezentant tat-Transport Malta “cahad” din l-allegazzjoni. Fil-verita`, l-attrici pprezentat lista dettaljata tal-karozzi fuq isem zewgha, u r-rapprezentant ta’ Transport Malta ma riedx jixhed dwarhom ghax hass li kien marbut bil-ligi fuq protezzjoni tad-data. Il-konvenut ukoll naqas li jispjega kif kien certifikat b’marda sesswali (‘crablice’) li tabib qal li

“possibbilment” hi konnessa ma’ attivita sesswali ma’ persuni ohra. L-ewwel Qorti, korrettement, qalet li din ma kenitx prova cara u konkludenti ta’ adulterju, pero`, darba hemm dan is-suspett, kien mistenni li l-konvenut jaghti spjegazzjoni ta’ kif giet fuqu l-marda, u mhux qisu xejn ma hu xejn.

Inoltre l-konvenut ma kkontradixxiex il-prova li saret li hu tkecca minn fejn kien jahdem mal-Media tal-Knisja ghax instab li kien qed jisraq mill-istamperija, u lanqas ma ta spjegazzjoni adegwata, fil-fehma tal-Qorti, ghala inganna lil martu li kien qed jahdem ma’ ditta ta’ awdituri, meta fil-fatt ma kienx hekk.

Il-konvenut jghid li martu hija mara li tahseb biss fiha nfisha, u l-akbar problema fiz-zwieg kien in-nuqqas taghha li tikkomunika mieghu. Din il-Qorti mhux se tasal biex tghid li l-mara hija nieqsa minn kull htija, ghax biex koppja tasal ghal separazzjoni personali dejjem ikun hemm l-input, ftit jew wisq, tat-tnejn. Din il-Qorti tara, pero`, li hu fieragh li tattakka l-mara li tfittex interessi taghha, meta r-ragel kien jahseb ghal rasu u ma jikkontribwixxix mid-dhul tieghu ghall-familja. Kommunikazzjoni trid il-partecipazzjoni tat-tnejn, u facli twahhal f’haddiehor ghan-nuqqasijiet tieghek stess.

Kollox ma’ kollox, din il-Qorti tara li l-analazi tal-ewwel Qorti tac-cirkostanzi li wasslu ghall-firda kienet wahda korretta, u tikkonferma li kien l-agir tal-konvenut, tul il-hajja matrimonjali, li l-aktar li wassal ghall-firda tal-partijiet.
Rigward l-ilment tal-konvenut dwar manteniment, din il-Qorti ma tarax li ordni ghall-hlas ta’ €164 <u>fix-xahar</u> tista’ titqies, b’xi mod, esagerata. L-attrici ghandha 57 sena, ssofri minn “atopic heartbeat” u hija “gluten intolerant”, li jinnecesitaha tixtri ikel specjali ghaliha, u tahdem part-time tlett nofs ta’ nhari fil-gimgha bhala kaxxiera f’hanut. Hu veru li hi, forsi, tista’ tahdem aktar, li ma kienx ghax trid tiehu hsieb lil ommha anzjana, pero`, ma tarax li ghandha tigi mcahhda minn kontribuzzjoni minn zewgha meta tqis li kien l-agir tieghu li wassal ghall-firda. Zewgha <u>jghid</u> li jaqla’ bejn €6000 u €7000 fis-sena min-negozju tieghu ta’ plumber u electrician, figuri li din il-Qorti ma temminx.

Ghandu dejn ta’ €153,812 mal-ufficcju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u ghamel zmien kien jimpjega zewg lavranti mieghu. Hu maghruf li f’Malta nies f’dan il-generu ta’ xoghol idawruha sew u hafna mill-qliegh taghhom ma jkunx dikjarat. Din il-Qorti tara illi din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti li ilha zmien twil thoss il-polz u c-cirkostanzi ta’ din il-kawza.

Bit-tielet aggravju tieghu l-konvenut jilmenta mill-hlasijiet li gie ordnat jaghmel lill-attrici bhala rifuzjoni ta’ djun parafernali; hu gie ordnat jaghtiha lura s-somma ta’ Lm3000 li gabet bhala dota u Lm1000 li kienu r-rikavat minn polza ta’ assikurazzjoni li kellha l-attrici. Dwar id-dota, il-konvenut jghid li s-somma kienet Lm2500 u mhux Lm3000, u jilmenta fuq in-nuqqas ta’ prova ghax l-attrici “setghet facilment gabet lill-ommha sabiex tixhed dwar dan”. Fil-fatt, fl-affidavit li pprezentat omm l-attrici din ikkonfermat l-ammont u l-hlas tad-dota, jigifieri Lm3000.

Dwar is-somma ta’ Lm1000, rikavat minn polza ta’ assikurazzjoni u li ssarrfet minhabba problemi finanzjarji, il-konvenut jghid li ma hemmx prova ta’ dan, pero`, mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien jaf bl-esiztenza ta’ din il-polza, u li hafna mill-flus intefqu ghax-xiri ta’ medicini meta l-konvenut marad bil-brucellosi.

Bir-raba’ aggravju tieghu il-konvenut jilmenta mill-ordni tal-ewwel Qorti biex hu jirrifondi lill-komunjoni s-somma ta’ Lm8,000 li kienu sellfu lil hu l-konvenut, Frank Cachia. Dan Frank Cachia qatt ma rritorna l-flus, u peress li, skont l-attrici, kien il-konvenut li “ipperswadiha” biex jisilfuh il-flus, l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas hu Lm4000 lil martu. L-attrici tilmenta li zewgha qatt ma fittex lil huh ghall-flus u b’hekk ittradixxa “l-interessi tal-familja”. Din il-Qorti ma tarax, pero`, li legalment tista’ tordna lill-konvenut ihallas dejn ta’ terzi. Tajjeb jew hazin, sar is-self u ghaddew il-flus, u bhala negozju, din it-transazzjoni ma giet kontestata minn hadd. Id-dejn kien u ghadu ta’ Frank Cachia, u la darba ma rrizultax li din is-somma giet utilizzata mill-konvenut, il-konvenut ma jistax jinzamm responsabbli ghall-operat ta’ huh. Il-kreditu kien tal-

komunjoni tal-akkwisti, u issa, darba li din giet terminata, huwa tat-tnejn f'ishma ndaqs, u jridu jaraw huma issa kif kull parti jirkupra sehemu mill-istess.

Dan ir-raba' aggravju se jigi, ghalhekk, milqugh.

Bil-hames aggravju tieghu, il-konvenut jilmenta bl-applikazzjoni fil-konfront tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili. Fin-nuqqas ta' prova ta' adulterju, hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti tapplikax jew le d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, *in toto* jew in parte, fil-konfront ta' xi parti jew ohra. F'dan il-kaz, hija l-fehma ta' din il-Qorti li, fic-cirkostanzi, l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-ewwel Qorti ma kienx wiehed zbaljat. Il-fatt li l-konvenut kien jikkontribwixxi ftit li xejn ghall-ghixien tal-familja, u r-responsabbilita` tieghu ghall-firda, jaffermaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fil-konfront tieghu. Kif tippuntwalizza l-attrici, ghalkemm il-konvenut kien jahbilha x'kien qed isir fin-negozju tieghu, kienet hi li kienet taffaccja zjarat minn marixxalli li jkunu jridu jesegwixxu mandati f'idejha, u zjarat ripetuti minn membri tar-*Revenue Security Corps*, li kienu jigru warajh biex jigbru d-dejn li kellu kemm mad-dipartiment tat-taxxa fuq il-valur mizjud, kif ukoll mad-dipartiment tat-taxxi nterni. L-attrici kellha wkoll problemi mad-dipartiment tas-sigurta` socjali peress illi l-konvenut kien jahdem bla ktieb tax-xoghol u nqabad. Ma jirrizultax li l-attrici kienet konxja ta' kif zewgha kien imexxi n-negozju tieghu; kif inghad hu kien, anzi, ihalliha fl-ghama u lanqas igib flus id-dar, u mill-atti jirrizultaw l-estremi tal-applikazzjoni tal-provvediment kontemplat mil-ligi fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Is-sitt u l-ahhar aggravju tal-konvenut hu marbut mal-kap tal-ispejjez, izda din il-Qorti, fid-dawl ta' dak kollu premess, taqbel li l-konvenut ghandu jigi obbligat ihallas hu l-ispejjez kollha marbuta ma' din il-kawza. Ir-rikorsi li ressqet l-attrici ma kienux ghal xejn. L-attrici kienet taf li l-konvenut kien qed jirnexxilu jahbi l-introjtu tieghu min-negozju, kemm meta kien jahdem taht ismu stess, u kemm taht isem kumpanija. Meta saret taf li zewgha kien qed isarraf *cheques* tal-klijenti tan-negozju tramite kontijiet bankarji fuq isem it-tfal, kellha ragun tipprova tindaga

aktar biex tara zewgha uzax xi mezzi ohra biex jahbi l-flus. Din il-Qorti tara li l-konvenut mexa b'dizonesta` kemm fil-hajja matrimonjali, kif ukoll fil-perkors tas-smigh ta' din il-kawza, u tara li ma ghandha tbiddel xejn fir-rigward tal-ordni tal-ewwel Qorti biex il-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tilqa' l-istess, biss in parte u dan billi tipprovdi billi tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti hlief li, bl-akkoljiment tar-raba' aggravju tal-appellant, fis-sezzjoni indikata 'Komunjoni tal-Akkwisti' fis-sentenza tal-ewwel Qorti, tirrevoka l-hames decide fejn il-konvenut gie ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm4000 (illum €9,317.49c) kif hemm indikat, u thalli impregudikat dan il-kreditu (ta' Lm8,000) favur il-partijiet f'ishma ndaqs; hlief ghal din il-bidla, is-sentenza tal-ewwel Qorti hija kollha konfermata.

Nonostante dan l-akkoljiment tar-raba' aggravju tal-appellant, fic-cirkostanzi, din il-Qorti tordna xorta wahda li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------